A.L. 371 ta' l-2007

ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (KAP. 356)

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (KAP. 435)

Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 60 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, u l-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u ta' l-Ambjent, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2007 dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 295 ta' l-2007.

Jemenda l-Iskeda VI li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subparagrafu (ċ) tal-paragrafu 1 ta' l-Iskeda VI li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "aktar minn 4 metri" għandhom jidħlu l-kliem "aktar minn 2 sulari taħt il-livell tat-triq".